# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Mejju 2023**

**Appell numru 256/2020**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jody PISANI,**
**Mark GAUCI, u**
**Emanuel McKAY**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Novembru 2020 kontra **PISANI, GAUCI u McKAY** li ġew mixlija talli nhar id-29 ta' Novembru 2019 bejn it-tlieta ta' filgħodu u l-erbgħa ta' filgħodu fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer żammew jew issekwestraw lil Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia kontra l-volonta tagħhom bi ksur tal-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tipprovdi għas-sigurta ta' l-imsemmija Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana Galizia.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma sabetx lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom u illiberathom.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. L-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn allura talbet lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati ħatja u tinfliġġi l-piena skont il-liġi, u dan wara li saħqet illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi u apprezzament żbaljat tal-fatti kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputati mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom minħabba f'li skont dik il-Qorti il-fatti ma kienx fihom l-ingredjenti ta' reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Din il-Qorti ċaħdet il-preġudizzjali tan-nullita tar-rikors tal-appell sollevata mill-appellati in kwantu qieset li f'paġna ħamsa u erbgħin (45) tas-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet markati paragrafi "a" sa "g" li jidhru li wasluha għall-konklużjoni li f'dan il-każ ma kienux jirriżultaw l-elementi tar-reat in diżamina sabiex tinstab il-ħtija fil-konfront tal-appellati. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jikkontjenux biss evalwazzjoni u apprezzament ta' provi li l-Qorti ma sabithomx legalment sikuri biżżejjed biex fuqhom issawwar il-ħtija, iżda jirriflettu l-analiżi legali magħmula minn dik il-Qorti dwar kif hija fehmet l-elementi tar-reat fl-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali u kif applikathom għal dan il-każ. Dawk il-konsiderazzjonijiet jirriflettu l-mod kif dik il-Qorti kienet qegħda tinterpreta l-elementi tar-reat u l-ipoteżi tal-Liġi in kwistjoni u mhux sempliċi espressjoni dwar jekk il-provi kienux soddisfaċentement jippruvaw l-ipoteżi tar-reat kontestat. Dawk il-konsiderazzjonijiet juru kif dik il-Qorti kienet qegħda tifhem, tinterpreta u tapplika dik l-ipoteżi tal-Liġi fir-rigward tal-fatt kemm imputat kif ukoll riżultanti; u huwa grazzi wkoll għal dik l-

interpretazzjoni u applikazjoni tal-Liġi li dik il-Qorti proċediet għas-sentenza liberatorja tagħha tal-appellati.

5. Issa allura din il-Qorti trid tara sewwasew jekk dik l-interpretazzjoni tal-ipoteżi tal-Liġi kienetx ħażina jew inkompleta kif tgħid l-Avukat Ġenerali.

6. L-Avukat Ġenerali ma ssejjisx l-appell tagħha fuq il-konsiderazzjonijiet ta' dritt magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-parti intitolata "Konsiderazzjonijiet dwar l-akkuża". Fil-fatt din tiġbor fiha rendikont dottrinali tat-tifsira tal-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali skont kif espress fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Deemer Tabone** tal-15 ta' Lulju 2016, b'żidiet minn sentenzi oħra mogħtija minn dawn il-Qrati dwar l-istess artikolu.

7. Mill-banda l-oħra l-Avukat Ġenerali ssejjes l-appell tagħha speċifikament fuq kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat dik il-Liġi u interpretat id-dottrina u l-ġurisprudenza regolanti għall-fattispecie f'dan il-każ b'mod però li r-riżultat ta' sentenza liberatorja kien jirrifletti interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi għall-dan il-każ u li joħroġ mis-segwenti punti misjuba f'paġna 45 tas-sentenza appellata, li din il-Qorti, għall-fini ta' sekwenza, qegħda tqassamhom b'dan il-mod:

   a. Ma kienx stabbilit min ta l-ordni sabiex jingħalaq il-bieb u x'ħin kellhom joħorġu dawk preżenti inkluż il-ġurnalisti;
   b. Kien hemm aktar minn bieb wieħed minn fejn persuna tista' toħroġ għalkemm saret enfażi fuq bieb partikolari;
   c. Mill-filmat ħareġ li xi ħadd li ma kienx identifikat fetah il-bieb minn barra u għalhekk jidher li l-kontroll tal-bieb ma kienx minn ġewwa;
   d. Ġewwa kien hemm persuni oħra eqreb lejn il-bieb u dan joħroġ mill-filmati u ritratti eżebiti;
   e. Wieħed mill-imputati jidher b'id waħda fil-but u l-oħra fuq il-pumm tal-bieb, ma kien qiegħed juża l-ebda forza biex iżomm il-bieb magħluq. Ieħor jidher f'kuntatt ma Paul Caruana Galizia iżda ma jidher li għamel ebda manuvra biex iżomm il-bieb magħluq.
   f. Mix-xiehda li nstemgħet ma jirriżultax li ntużat xi forza fil-konfront tal-ġurnalisti, ma ttieħdilhom ebda apparat li kellhom tant li setgħu jibqgħu jirrapurtaw dak li kien għaddej;
   g. X'ħin infetah il-bieb jidher ħiereġ kulħadd inkluż il-persuni imputati, fejn jidher li żviluppat sitwazzjoni free for all li fl-ebda binja, jekk hix tal-gvern jew tal-privat ma wieħed jistenna li jsir hekk. Meta persuna tmur f'post, hix bħala mistiedna jew biex twettaq xi ħidma ma tippretendix li tieħu over il-binja.

h. Ma jistax jingħad li Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia marru fil-fond in kwistjoni kontra l-volonta tagħhom.
i. Barra minn hekk mix-xiehda prodotta ma jistax jingħad illi kien hemm arrest detenzjoni jew sekwestru illegali, l-ingredjenti li għandu jkun hemm biex tinstab ħtija dwar dan l-artikolu partikolari fil-kodiċi kriminali.

8. Kif din il-Qorti, kif presjeduta, kellha l-okkażjoni li turi, fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. James Demanuele** tal-31 ta' Mejju 2022 li tibni fuq dik **Tabone** tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċitata fis-sentenza appellata u fejn Tabone tibni fuq digriet ieħor ta' dik il-Qorti fil-proċedura **Andreas Thomas Kummert vs. Kummissarju tal-Pulizija:**[1], l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, jippreskrivi s-segwenti:

> Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

9. Dan l-artikolu tal-Liġi storikament ġie importat fil-Kodiċi Kriminali nostran mill-Kodiċi Borboniku u huwa hekk immuddellat fuq l-Artikolu 169 tal-isemmi kodiċi. Mill-ewwel jiġi rilevat li l-iskop tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali huwa li jittutela d-dritt tal-liberta' personali tal-individwu billi jippenalizza kull forma ta' restrizzjoni (illeġittma) fuq din il-liberta' magħmula minn persuna oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' awtorita' kompetenti. Għalhekk mill-lat dottrinali dan l-artikolu jrid jiġi interpretat skont dak li l-awturi fuq il-Liġi Borbonika kienu jgħallmu u skont it-tradizzjoni legali Taljana safejn baqgħet tirrifletti dik l-interpretazzjoni dwar dan ir-reat. Ma jkunx korrett li ssir riferenza għal liġijiet barranin oħra, inkluż dawk tal-Ingilterra, in kwantu dawn il-liġijiet għandhom ħsieb u tradizzjoni differenti. Għalhekk għalkemm din il-Qorti tapprezza l-espożizzjoni magħmula fis-sentenza appellata dwar il-posizzjoni legali fl-Ingilterra dwar ir-reat ta' *kidnapping* u *false imprisonment*, wieħed ma jridx li jinterpreta l-Liġi Maltija mill-lenti ta' din il-liġi barranija in kwantu għandha mhux biss għeruq differenti iżda wkoll tifsira legali differenti għal dawk l-ipoteżi ta' reat. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari fir-rigward tal-kunċett tal-użu tal-forza jew qerq li mhux bilfors iridu jirriżulta fl-ipoteżi tar-reat Malti. Dan qiegħed jingħad fir-rigward,

[1] Qorti tal-Maġistrati (Malta), digriet tad-19 ta' Diċembru 2014. Dawn il-proċeduri msemmija kollha ġew deċiżi mill-ġudikant sottofirmat.

b'mod partikolari għall-konsiderazzjoni magħmula fis-sentenza appellata misjuba fil-paragrafu f u li tindika li f'moħħ dik il-Qorti kien hemm iberren il-ħsieb dwar l-element tal-vjolenza li, fortunatament f'dan il-każ, ma ġietx eżerċitata.

10. L-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jipotizza tlett modalitajiet differenti ta' kif is-suġġett attiv tar-reat jista' jirrestrinġi l-liberta' personali tal-individwu permezz:

(a) tal-arrest illegali,
(b) tad-detenzjoni jew
(c) tas-sekwestru.

11. Il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li għalkemm jidhru simili fis-sustanza: l-arrest illegali, id-detenzjoni u s-sekwestru huma varjeta' tal-istess reat. F'dan ir-rigward anki l-Professur Sir Anthony Mamo (**Notes on Criminal Law,** Vol: II) jikkummenta fuq din id-distinzjoni u jistqarr kif id-diċitura tal-(illum) Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali tipprospetta tlett varjetajiet tal-istess reat li għalkemm apparentement simili jistgħu jeżistu separatament daqskemm jikkoeżistu:

> The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: ''Il reat (our Section 85) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro (Roberti – ibid,, para. 323). It was held in France that these three expressions denote three varieties of the same crime which although closely analagous to one another may exist separately. In fat the illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed be detention or confinement. Thus a person may be arrested without being detained in his own house without having been previously arrested or may be confined in a lonely place or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is (Cheveu et Helie – para 2945).

12. L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru minn persuna privata li ma jkollhiex is-setgħa bil-liġi jew l-awtorizzazzjoni minn awtorita' kompetenti li tagħmel dan. Is-suġġett attiv tar-reat jista' wkoll ikun tali li għad li ma jkunx wettaq fiżikament l-arrest illegali, id-detenzjoni jew is-sekwestru tal-persuna, ikun xjentement ipprovda l-post sabiex ikun jista' jimmaterjalizza tali arrest, detenzjoni jew sekwestru.

13. Kif intqal, il-Liġi Taljana wara l-unifikazzjoni baqgħet issegwi l-essenza ta' dak li kien ir-reat fil-Kodiċi Borboniku u b'hekk f'dan il-każ tista' ssir riferenza għal din il-Liġi biex wieħed jifhem sewwasew ukoll kif għandha tiġi interpretata l-Liġi Maltija dwar l-istess suġġett.

Dwar l-element materjali tar-reat il-**Corte di Cassazione f'deċiżjoni numru 16094/1990** mogħtija nhar il-5 ta' Diċembru 1990,[2] stqarret:

> Per la sussistenza dell'elemento materiale del delitto di sequestro di persona previsto dall'art.605 c.p., e' sufficiente che vi sia stata in concreto una limitazione della liberta' fisica della persona e cioe' della liberta' di scelta del luogo ove restare o muoversi nello spazio, a nulla rilevando la durata della privazione della liberta' che puo' essere limitata ad un tempo anche breve.

14. Dan fil-fatt juri żvilupp lineari mill-Liġi kif kienet fl-oriġini tal-Kodiċi Kriminali Malti u eventwalment il-Codice Zanardelli, fl-Italja. Kif kien intqal fil-proċedura **Kummert**:

> This Article speaks of illegal arrest, detention or confinement. In this particular case special emphasis was laid by the applicant on the last hypothesis envisaged by law – confinement, or "sekwestru", in Maltese.
>
> In its original form, this Article 86 of the Criminal Code copies, almost word for word, Article 169 of Book Second of the Code of the Kingdom of the Two Sicilies (R.D.S. Code) that stated : -
>
> > Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio.[3]
>
> According to the majority of the most eminent authors of the time researched by this Court, this offence was derived from the earlier offence of "carcere privato". However it was acknowledged by all authors, since the time of **Carmignani,** that it was not restricted to the mere **arrest** of a person without authority.[4] During his earlier days, **Carmignani** already spoke about the offence of "carcere privato" – (a) in its proper sense and (b) "carcere privato per "equipollenza". However then, even according to that early version, the concept of "carcere privato" was restricted to the actual arrest, detention or confinement of a person.
>
> > E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3).
>
> However it is to be noted that the later R.D.S. Code expanded on this notion of "carcere privato" by explicitly including not only the hypotheses of arrest or detention but also that of "sequestro". "Sequestro" was later translated in Maltese law as "sekwestru" and in English "confinement".

---

[2] Cassazione penale, Sez. V, sentenza n.16094 del 5 dicembre 1990

[3] **Il Codice per lo Regno delle due Sicilie**, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.

[4] **Elementi di Diritto Criminale**, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di malta, Napoli, 1854, page 248-249.

Even though authors acknowledge that this offence in essence reflected and was based on the earlier “carcere privato” offence, the R.D.S. Code gave wider scope to this crime. The three hypotheses in question catered for three different legal situations and therefore constituted three separate and distinct legal hypotheses that could lead to the same criminal offence.

The third hypothesis - confinement – was interpreted to refer both to the physical confinement of a person in a particular place over a period of time as well as in the act of transportation of a person from one place to another without or against his will.

According to **Roberti**[5] this crime fell within the categories of offences dealing with the protection of personal liberty even though it was listed under sub-title “Dell’uso privato de’ mezzi della pubblica autorita’”. Commenting specifically on the R.D.S. Code, **Roberti** claims that :

> La legge adopera l’espressioni *arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona.* Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo’ attentare alla liberta’ della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di *carcere privato* non s’intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l’impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, **sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza** .... che il reato preveduto nell’art. 169 esista sia quando alcuno **si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro**.[6]

**Roberti** makes it clear that under the R.D.S. Code “sequestro” included also the actual physical movement and transportation of a person from one place to another – as distinguished from the other hypotheses of holding a person in a given place or stopping a person from being able to freely move or do as he pleases.

**Ferrarotti**, commenting on the Code of Piedmont,[7] that contained a similar provision to Article 169 of the R.D.S. Code, states that :

> Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e’ stato privato della piena liberta’ individuale; non e’ necessario il concorso della forza materiale e della violenza; *cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini*.

Therefore in order for this crime to be completed and therefore for the “sequestro” to take place, there is no need for there to be any violence or material force exerted on the victim. If there is violence exercised then this renders the crime more serious.

Furthermore he adds that in order for this crime to take place, there is no need to establish any particular motive behind the “sequestro”.

---

[5] **Corso Completo del Diritto Penale**, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.
[6] Emphasis added.
[7] **Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**, T. Ferrarotti, Torino, 1860, page 294.

Another prominent author commenting on the R.D.S. Code, **Francesco Sav. Arabia**[8] says that:-

> *Arresta* chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: *detiene* chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: *sequestra* chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo.

Therefore **Arabia** highlights that in order for "sequestro" to take place a person must be separated or at least severed from those who could come to his help. However he does not limit this hypothesis to a deprivation of "liberta' naturale" but also to "liberta' civile" which is wider in meaning.

**Buonfanti** in his "Manuale Teorico-Pratico del Diritto Penale", commenting on the Tuscan Code[9] states that : -

> Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto *materiale*, e la sua *moralita'*. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per *l'arresto*, la *detenzione*, il *sequestro.* Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici pel loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerata come arrestata o detenuta… Quanto poi alla *moralita',* ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene.

This latter requirement was also stressed by the much earlier **Carmignani** who highlighted the importance of the usurpation of the magistrates' authority as being reflected in the acts of the private person committing the crime. Thus he adds that :

> Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete.

As mentioned above **Ferrarotti** agrees that no motive is to be proved for the integration of this crime. Even in the words of **Roberti**, this Article 169 of the R.D.S. Code does not require any particular motive – and therefore the material act of arrest, detention or confinement are *per se* punishable. However he agrees that this crime partakes of the crime of *vie di fatto*

[8] **I Principi del Diritto Penale**, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.
[9] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

> (similar to the crime of *ragion fattasi* in Maltese Law). He says that unlike the old roman laws and the 1808 code that considered this crime of "carcere privato" as reflecting one's intention to take to law into one's hands, this Article did not require this element. However **Roberti** concedes that in the majority of cases, the arrest, detention or confinement of a person is executed by the perpetrator in order to force himself on another person or situation thereby taking unilateral action by taking the law in his own hands. This element was also to be inferred from the fact that this offence of "carcere privato" was placed immediately following the other offence of "vie di fatto".[10]
>
> This Court, in line in particular with the teachings of **Roberti**, therefore considers that the meaning of confinement – the translation of the Maltese "sekwestru" – or "sequestro" in the R.D.S. Code, includes both the act of physical confinement of a person in a given place over a period of time, as well as the act of movement or transportation of a person from one place to another over a certain spacial distance. Moreover it also agrees with his analysis that given that this offence immediately follows the crime of ragion fattasi in the same sub-title, it can also partake of the motive of the person committing the arrest, detention or confinement to unilaterally take the law into one's hands.

15. Dak li huwa neċessarjament rikjest mil-Liġi huwa li s-suġġett attiv irid ikun aġixxa fl-assenza ta' ordni skont il-Liġi mogħtija minn awtorita' kompetenti jew mingħajr ma kellu l-poter skont il-Liġi sabiex ikun jista' jżomm lis-suġġett passiv kontra l-volonta' tiegħu u fi stat ta' kostrizzjoni. Dan ir-reat allura jiġi wkoll integrat meta jirriżulta li s-suġġett passiv ikun ġie miżmum kontra l-volonta' tiegħu fil-post fejn ikun jinstab. Mhux meħtieġ li din iż-żamma sseħħ bl-użu ta' apparat estern bħal ħbula, theddid, użu ta' armi jew restrizzjoni fiżika mis-suġġett attiv. Ir-reat iseħħ meta s-suġġett passiv ikun, f'dak il-mument – qasir kemm hu qasir - inkapaċi li jeżerċita l-liberu arbitriju tiegħu li jagħmel dak li jkun irid b'mod li jkun imqiegħed f'inkapaċita li jiċċaqlaq kif trid u jmur fejn trid.

16. Allura biex jiġi integrat dan ir-reat ma jeħtieġx li jiġi pruvat twettieq ta' xi qerq jew vjolenza mis-suġġett attiv fuq is-suġġett passiv. L-anqas ma huwa meħtieġ li din l-azzjoni tas-suġġett attiv iddum għal xi ħin partikolari. Iżda żgur li jrid jiġi pruvat li kien hemm xi forma ta' azzjoni jew inazzjoni mis-suġġett attiv fir-rigward tas-suġġett passiv li tirriżulta f'restrizzjoni jew kostrizzjoni psiko-fiżika - anke jekk għal ħin qasir ħafna - fuq il-liberta personali tal-moviment u l-azzjoni tas-suġġett passiv; u dan iseħħ fl-assenza ta' awtorità jew poter skont il-liġi minn naħa tas-suġġett attiv tar-reat.

[10] Exactly as the Maltese Criminal Code does.

17. In-nuqqas ta' awtorità jew poter skont il-Liġi da parti tas-suġġett attiv huwa fundamentali. Għalkemm kull ċittadin Malti għandu dritt kostituzzjonali għall-liberta ta' moviment f'Malta u dritt kemm kostituzzjonali kif ukoll konvenzjonali għall-ħelsien tal-liberta tal-persuna u għas-sigurta tal-persuna, mill-banda l-oħra jista' jkun hemm raġunijiet validi fil-liġi għalbiex il-liberta u l-moviment ta' persuna jiġu ristretti. Iżda biex dan iseħħ ir-restrizzjoni tal-liberta u l-moviment ta' dik il-persuna tkun trid issir minn persuni li jkollhom setgħa skont il-liġi li jwettqu dik ir-restrizzjoni u li din issir skont il-proċedura preskritta bil-liġi.

18. Eżempju ta' dan jista' jkun fejn persuna suspettata li għadha kif wetqet delitt tiġi arrestata minn uffiċjal tal-Pulizija. F'dak il-kuntest il-liberta tal-moviment tal-persuna suspettata tiġi meħuda mill-mument tal-arrest tagħha. Iżda dment li l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun f'qagħda li juri biċ-ċar u bil-provi li dak l-arrest sar minħabba s-suspett raġonevoli li l-persuna arrestata kienet għadha kif wetqet delitt, ikun inutli li l-persuna arrestata tipprotesta t-teħid tal-liberta tal-moviment tagħha u l-arrest tagħha ma jkunx jista' jingħad li kien jinkorri fir-reat in disamina.

19. Eżempju ieħor huwa dak tal-arrest li anke jista' jsir minn persuni privati. Fil-fatt, kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista' jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt sesswali, xi delitt ta' omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà. Iżda min ikun qed jagħmel dan l-arrest għandu mingħajr ebda dewmien jgħarraf lill-Pulizija li jkun għamel dak l-arrest u għandu jeżerċita dik is-setgħa biss sakemm din tkun għalkollox meħtieġa biex il-Pulizija tieħu f'idejha l-persuna arrestata.

**Ikkunsidrat**

20. Meta din il-Qorti qieset dawn il-prinċipji legali fid-dawl tal-fatti kif żvolġew f'dan il-każ u qablithom ma dak li stqarret il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza appellata, waslet għall-konklużjoni li l-Avukat Ġenerali għandha raġun fuq diversi punti.

21. Qabel ma tibda biex tistqarr ir-raġunament tagħha dwar dan, din il-Qorti tesprimi l-qbil tagħha mal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza tagħha meta din, *obiter*, saħqet fuq il-ħtieġa li kellu jkun hemm iżjed kjarezza fuq min kienu l-persuni kollha involuti f'dan il-każ u x'kien eżattament ir-rwol tagħhom fil-fatti li seħħew. Irriżulta ċar mill-provi prodotti li t-tliet appellati ma kienux l-uniċi nies li l-parte civile rawhom jidħlu ġewwa s-sala tal-Ambaxxaturi wara li spiċċat il-konferenza stampa u li lmentaw mill-imġieba tagħhom. Taqbel ukoll ma dik is-sentenza fejn fis-sustanza tagħha saħqet li ħadd ma hu l-fuq mill-Liġi.

22. Taqbel ukoll fejn innotat li mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-ġurnalisti f'dan il-każ kellhom spjegazzjoni dwar il-protokolli li kellhom jiġu segwiti f'dan il-każ jew għal sitwazzjonijiet ta' tensjoni partikolari. Dan jingħad għax l-anqas ma ġie pruvat li kien hemm fis-seħħ xi protokoll partikolari – u li ġie indikat lil ġurnalisti preżenti – dwar kif kellhom jimxu l-affarijiet mill-mument li ssejħet din il-konferenza stampa l-quddiem fid-dawl tal-kaos li kien qiegħed jirrenja barra Kastilja f'dak il-lejl partikolari.

**Ikkunsidrat**

**<u>Il-Kuntest</u>**

23. Hemm ċerti aspetti kontestwali li jeħtieġ li din il-Qorti tidħol fihom biex tkun tista' tispjega aħjar il-ħsibijiet tagħha f'dan il-każ. Il-mod kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ huwa marbut ħaġa waħda mal-fatti li seħħew matul dak il-lejl. Dakinhar fil-għaxija l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien kien sejjaħ laqgħa tal-Kabinett b'urġenza dwar it-tieni talba għal maħfra presidenzjali li kien għamel Yorgen Fenech li kien suspettat kompliċi fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia wara li Fenech kien qal li kellu informazzjoni dwar Keith Schembri, Chris Cardona u Konrad Mizzi.

24. Ħareġ ċar mill-provi prodotti li bejn it-28 u d-29 ta' Novembru 2019 kien lejl ta' protesti li - kif juru d-diversi *video clips* eżebiti – kienu mimlija tensjoni, rabja, għadab u frustrazzjoni espressi b'diversi modi, f'waqtiet inċivili, minn bosta minn dawk li kienu preżenti jipprotestaw. Evidenza eżebita minn Matthew Carbone turi anke parti mill-folla barra mill-binja ta' Kastilja tiġi f'konfrontazzjoni ma Uffiċjali tal-Pulizija preżenti fejn fost l-għajjat u tgħajjir kien hemm

imbottar bil-barrikati bejn uħud fil-folla u Uffiċjali tal-Pulizija. L-atmosfera kienet tqila.

25. L-evidenza turi wkoll li anke fil-ġenb tal-Berġa ta' Kastilja kienu nġemgħu xi nies li anke pruvaw jidħlu fil-Berġa flimkien mal-ġurnalisti li kienu mistiedna jidħlu għall-konferenza stampa li kellha tingħata wara l-laqgħa tal-Kabinett. Inqalgħet xi kommozzjoni barra l-Berġa meta xi persuni ma tħallewx jidħlu minħabba li ma kellhomx press card. Anke hawn jinstemgħu xi għajjat u u espressjonijiet ta' żeblieh lejn min kien mal-bieb.

26. Għalkemm ma hemmx provi li juru li fil-Berġa ta' Kastilja inqalgħet xi kommozzjoni qabel jew waqt il-konferenza stampa, jidher però li wara din il-konferenza stampa t-tensjoni żdiedet sew meta l-ġurnalisti ġew biex joħorġu mis-sala tal-Ambaxxaturi mill-bieb li kienu daħlu minnu u għal xi raġuni dawn ma tħallewx joħorġu mill-ewwel wara li l-membri tal-Kabinett preżenti kienu ħarġu minn bieb ieħor.

27. Mill-provi rriżulta li mhux l-ewwel darba li, bħala protokoll ġenerali wara konferenza stampa, għal fini ta' sigurtà, l-ġurnalisti preżenti jkunu ngħataw struzzjonijiet biex jistennew għal xi ħin sakemm il-kelliema joħorġu mill-post u mbagħad il-ġurnalisti joħorġu warajhom. Monique Agius qalet ukoll li fl-esprjenza tagħha, meta l-kelliema ma jkunux iridu jieħdu mistoqsijiet, l-organizzaturi kienu jitfgħuhom il-barra mill-ewwel. F'dan il-każ ma ġarax hekk.

28. Kien x'kien, f'dan il-każ jirriżulta li donnu li t-tensjoni ta' dawk l-avvenimenti li seħħew f'dawk il-mumenti storiċi għamlet b'kulħadd. Iżda n-nuqqas ta' komunikazzjoni ċara bejn l-organizzaturi tal-konferenza stampa – li ħallew lil ġurnalisti bla ebda spjegazzjoni x'kien qiegħed jiġri fis wara li spiċċat il-konferenza stampa meta l-ġurnalisti ġew biex joħorġu mis-sala tal-Ambaxxaturi - kompliet tgħaxxaqha. Il-fatt li kien hemm xi ġurnalisti barranin kompla jżid mad-doża ta' inċertezza dwar dak li kien qiegħed jiġri f'dik is-sala.

29. Minn dak il-mument il-quddiem, jirriżulta li verament seħħ il-Kaos f'Kastilja.

30. Paul Caruana Galizia jixhed li hekk kif kien se joħroġ mis-sala tal-Ambaxxaturi ra disa' persuni deħlin minn żewġ bibien u dawn qagħdu quddiemhom b'mod li għalhekk li dawn il-bibien - li kienu jinfetħu minn barra għal ġewwa - ma setgħux jiġu miftuħa biex huma

joħorġu. Stephen Gray tar-*Reuters* ġibed l-attenzjoni u staqsa għaliex il-membri tal-media kienu ġew magħluqa hemm ġew.

31. Din kienet ix-xrara li xprunat lil Paul Caruana Galizia jaġixxi u anke jipprova jagħmel manuvra biex joħroġ minn dak il-bieb, li kien il-bieb li daħlu minnu qabel il-konferenza stampa. Iżda jidħer anke mill-filmat li huwa ma tħalliex joħroġ minn dak il-bieb u twaqqaf minn wieħed mill-imputati. Mal-bieb l-ieħor li kien hemm jirriżulta li kien hemm żewġt irġiel oħra qegħdin ma' dak il-bieb li wkoll jinfetaħ il-ġewwa. Kien minn hemm li jinstemgħu kemm Caruana Galizia kif ukoll Monique Agius jistaqsu għaliex ma kienux qegħdin jitħallew joħorġu minn dik is-sala.

32. Il-filmati imbagħad juru li kien hemm xi persuna li tħalliet toħroġ mill-bieb l-ieħor li quddiemu kien hemm żewġt irġiel, u li ma kienx dak li kien hemm l-appellati quddiemu. Iżda dak il-bieb reġgħa ġie magħluq b'dawk iż-żewġt irġiel jidhru li baqgħu quddiemu.

33. Eventwalment, dak il-bieb li kienu quddiemu l-appellati infetaħ; iżda l-ftit ħin li ġie miżmum magħluq – bl-appellati u għal mumenti anke b'żewġt irġiel oħra mhux identifikati quddiemu - kien biżżejjed biex, magħqud mat-tensjoni tal-avvenimenti ta' dik il-lejla, marbuta ma avvenimenti oħra li kienu marbuta magħhom, waslu biex anke s-sitwazzjoni fost il-ġurnalisti ddeġenerat, b'uħud mill-ġurnalisti li kienu preżenti jibdew anke jgħajjtu, jitkellmu ħażin jekk mhux ukoll jgħidu kliem dispreġjattiv għal dak li kien qed jiġri.

34. Kif jgħidu x-xiehda f'dan il-każ, u kif anke jirriżulta anke mill-filmat eżebit minn Monique Agius, ħadd ma spjega lil ġurnalisti preżenti x'kien qiegħed jiġri u għaliex damu biex setgħu joħorġu minn dik is-sala. Ħadd ma qalilhom b'mod ċar jekk kienx hemm xi miżuri ta' sikurezza partikolari li kienu qegħdin jittieħdu bi prekawzjoni għal dak li kien qed jiġri barra Kastilja dakinhar. Ħadd ma spjegalhom jekk dawk il-persuni li daħlu u qagħdu maż-żewġ bibien li setgħu joħorġu minnhom kienux aġenti tal-Pulizija jew tas-sikurezza. Anzi mill-filmati jidher li ħadd mill-appellati ma spjega eżattament min kienu, x'kien ir-rwol tagħhom u x'kienu qegħdin jagħmlu f'dak il-post, imqegħda ma dak il-bieb li daħlu minnu qabel, u li minħabba fihom il-parte civile tennew li ma setgħux joħorġu minn dik is-sala. Huwa biss Paul Caruana Galizia li jgħid li f'mument minnhom wieħed mill-appellati qal minn taħt l-ilsien ("mumbled") li kien "security". Imma ħadd mill-appellati ma wieġeb b'mod ċar x'kien ir-rwol tagħhom hemmhekk dakinhar. Din in-nuqqas ta' informazzjoni magħquda

mat-tensjoni tal-mument nisslet mhux biss frustrazzjoni iżda anke sens ta' biża, kif jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Monique Agius.

35. Iżda jidher li dakinhar kulħadd tkaxkar mill-qawwa tal-pathos tal-mument. Paul Caruana Galizia jgħid għal iżjed minn darba li l-qagħda f'Kastilja kienet "lawless". Frankament, mill-filmat eżebit anke barra Kastilja jidher li s-sitwazzjoni kienet "lawless". U huwa f'dan il-kuntest li żvolġa dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

36. Kif sewwa irrilevat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienx stabbilit min ta l-ordni biex jingħalqu l-bibien u x'ħin kellhom joħorġu dawk preżenti, inkluż il-ġurnalisti. Iżda rrispettivament minn min ta l-ordni, dak li l-liġi trid huwa li ebda persuna bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat jarresta lill-ħati, ma tista' tarresta, żżomm jew tissekwestra lil xi persuna oħra kontra l-volontà tagħha. Biex persuna tkun tista' tarresta lil persuna oħra, il-persuna jrid ikollha ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti jew tkun trid twettaq arrest fil-kuntest fejn il-liġi tipprovdi għal dan. F'dan il-każ ma ġiex pruvat, sal-grad tal-probabbli li l-appellati kienu persuni li jgawdu setgħa skont il-liġi li jeżegwixxu arrest jew li kienu qegħdin jaġixxu b'ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti.

37. Ix-xiehda Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana Galizia jtennu wara li spiċċat il-konferenza stampa, huma riedu joħorġu minn dak il-bieb li kienu daħlu minnu in kwantu ma kienx biss l-uniku bieb li kienu jafu għal fejn jagħti u li kienu jafu li jistgħu joħorġu l-barra minnu. Iżda meta ġew biex joħorġu dawn iż-żewġ bibien ma nfetħux u nżammew magħluqa. B'mod partikolari b'riferenza għall-bieb li huwa kienu daħlu minnu, huma ma tħallewx joħorġu minnu minħabba li kien hemm l-appellati miegħu u nżamm magħluq, anke jekk ma deherx imsakkar. Anke jekk laħaq għadda ftit ħin wara tmiem il-konferenza tal-aħbarijiet u Agius u Caruana Galizia wrewhom li riedu joħorġu minn dak il-bieb tas-sala li kienu daħlu minnu, dawn ma ħallewhomx joħorġu.

38. L-imġieba tal-appellati turi li huma ma kienux hemmhekk biss bħala spettaturi u li riedu joħorġu minn dik is-sala bħall-kwerelanti. Għall-kuntrarju Paul Caruana Galizia jixhed li l-appellati kienu fost

grupp ta' 6 persuni oħra li daħlu wara li spiċċat il-konferenza stampa u qagħdu maż-żewġ bibien tal-ħruġ. Mistoqsija min kienu, x'kien ir-rwol tagħhom, jekk kellhomx dokument ta' identifikazzjoni, jekk kienux pulizija, membri tas-sigurta, eċċetra, l-appellati baqgħu siekta. Ħadd mill-appellati ma wera, fuq bażi ta' probabbilita, li kienu awtorizzati b'ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti li joqgħodu hemm u jimblokkaw l-aċċess għal dak il-bieb u jżommu lil Caruana Galizia, Agius, Xuereb u Bonnici mill-liberta tagħhom li joħorġu barra minn dik is-sala fi tmiem il-konferenza stampa u wara li l-membri tal-Kabinett kienu laħqu ħarġu minn dik is-sala – minn parti oħra tal-binja.

39. Ħadd mill-appellati ma wera, fuq bażi ta' probabbilita, min kien u x'awtorizzazzjoni kellu biex jimblokka l-aċċess minn dak il-bieb, jew li jżommu jew jikkontrollaw li l-bibien jibqgħu magħluqin għal ċertu ħin impreċiżat lil min kien ġewwa s-sala.

40. Il-filmat miġbud minn Monique Agius beda bħala Facebook Live **wara** li l-Membri tal-Kabinett kienu laħqu ħarġu mis-sala minn bieb ieħor li jagħti għal parti oħra tal-Berġa. Sadattant 45 sekonda wara li beda dan il-ġbid tal-filmat jirriżulta li xi persuna tħalliet toħroġ barra minn bieb li kien fuq il-ġenb tal-bieb li Agius u sħabha riedu joħorġu minnu. Biss hekk kif din il-persuna ħarġet minn dan il-bieb jidhru jsiru manuvri b'mod mgħaġġel minn żewġt irġiel oħra biex jassikuraw li dak il-bieb jibqa' magħluq. Fil-fatt żewġt irġiel oħra mhux identifikati qegħdu lilhom infushom quddiem dak il-bieb li wkoll kien jinfetaħ il-ġewwa. Għalhekk setgħa jinfetaħ minn barra il-ġewwa u mhux bil-maqlub. L-istess sistema li bih kien jinfetah il-bieb li minnu riedu joħorġu Agius u sħabha.

41. Dan l-episodju juri għalhekk li kien hemm xi forma ta' koordinazzjoni dwar min setgħa jidħol u joħroġ minn dik is-sala. Iżda din il-liberta tal-għażla u moviment ma tħallietx għal kulħadd f'dik is-sala. Min kien qiegħed jieħu ħsieb jikkontrolla l-bibien kien selettiv dwar min setgħa jitħalla joħorġ minn dik is-sala. Dan juri li kien hemm xi forma ta' reġija dwar min setgħa jitħalla joħroġ u x'ħin. Iżda min kien qiegħed jieħu ħsieb din ir-reġija u kif baqa' misteru.

42. Minuta u nofs minn meta bdiet tiġbed Monique Agius b'Facebook Live, jirriżulta li l-ġurnalisti li kienu ġewwa bdew jaġitaw xi ftit ruħhom. Ma setgħux jifhmu għaliex kienu qegħdin jitħallew f'dik is-sala wara bibien magħluqin, b'dawk l-irġiel, fosthom it-tliet

appellati, jikkontrollaw id-dħul u l-ħruġ donnu b'reġija minn min kien barra dik is-sala.

43. F'dan il-mument jidher li Paul Caruana Galizia beda jitħarrek u jinsisti mal-irġiel li kienu mal-bieb li kienu daħlu minnu biex joħroġ. Fost dawn l-irġiel kien hemm it-tliet appellati. Kien hemm oħrajnm li però l-identita tagħhom baqgħet mistura. Ħadd mill-appellati ma jinstemax jgħidlu li ma setgħax joħroġ. Iżda ħadd minnhom ma fetħulhom il-bieb jew resqu minn quddiem il-bieb biex il-ġurnalisti jkunu jistgħu joħorġu. Anzi l-movimenti tagħhom urew li huma kellhom kontroll fuq il-bibien u mhux minnu li anke huma kienu qegħdin jistennew biex joħorġu minn dik is-sala.

44. Ħadd mill-appellati ma spjega lill-ġurnalisti preżenti għaliex kien qed jiġri dan kollu, jew jekk kellhomx xi ordni mingħand xi awtorità tas-sigurta f'Kastilja biex jagħmlu dan; jew jekk dan l-aġir kienx parti mill-protokoll ta' din il-konferenza stampa, jew li huma kienu awtorizzati jieħdu dawn il-miżuri fl-interess tas-sikurezza ta' dawk kollha preżenti. L-appellati żammew il-kalma assoluta daqskemm żammew nuqqas ta' kuntatt mal-ġurnalisti. Eċċezzjoni waħda kien episodju li seħħ fil-01:25 tal-filmat ta' Monique Agius fejn hija tinstema' titlob lil xi ħadd biex iċempel lil Pulizija għax kienu qed jiġu miżmuma ġewwa s-sala waqt li Paul Caruana Galizia jinstema jgħid lill-appellati li kienu mal-bieb biex jiftħu l-bieb u li ma kellhom assolutament ebda jedd li jżommuhom hemm – filwaqt li jidher jersaq lejn il-bieb biex jipprova jiftħu hu. Iżda fil-kontemp jidher wieħed mill-appellati jneħħilu jdejh – mingħajr vjolenza jew forza – waqt li jinstema' jgħid li kienu "security". Caruana Galizia jistaqsi "whose security" waqt li anke Caruana Galizia, mhux bil-forza, iżda b'iżjed insistenza verbali u fiżika, jipprova jressaq lil dan l-appellat minn quddiem il-bieb waqt li jgħidlu li huma ma kellhom ebda jedd li jżommuhom maqfula fis-sala.

45. L-anqas ma l-appellati resqu minn fejn kienu biex il-kwerelanti, Bonnici u Caruana Galizia jkunu jistgħu joħorġu kif xtaqu. Sadattant il-ħin għaddej u l-ġurnalisti għadhom ġewwa.

46. Żewġ minuti mill-bidu tal-filmat ta' Monique Agius jirriżulta li Paul Caruana Galizia beda jsir iżjed insistenti biex joħroġ minn dak il-bieb – anke jaqbad il-pumm biex jipprova jiftaħ iżda ma tħalliex, minkejja li anke prova jiftħu minħabba li wieħed mill-appellati kien qiegħed jistrieq mal-bieba li Caruana Galizia prova jiftah. Imma ma

setgħax jiftaħ. Caruana Galizia kompla jistaqsi min kien dak l-appellat li kien b'idejh imsalbin fuq sidru jserraħ ma' waħda mill-bibien li Caruana Galizia prova jiftaħ. Anke dan il-bieb kien jinfetaħ fi tnejn. Bieba minnhom kienet b'idejn wieħed mill-appellati fuq il-pumm tagħha b'wieħed mill-appellati l-ieħor qiegħed b'daharu jserrah mal-bieb b'idejh imsalbin fuq sidru. Caruana Galizia u Agius komplew jipprotestaw il-fatt li ma kienux qegħdin jitħallew joħorġu minn hemm. Agius talbet diversi drabi biex l-appellati jidentifikaw ruħhom u tistaqsihom għalfejn ma setgħux joħorġu. Skiet; u l-ħin kompla għaddej.

47. Kien biss wara li kienu għaddew żewġ minuti u erbgħa u għoxrin sekonda mill-bidu tar-reġistrazzjoni ta' Monique Agius li tidher tinfetaħ bieba minnhom u l-appellat li kien b'idejh imsalbin fuq sidru xiref mill-bieb u fil-parti 02:27 jinstema' jgħid "tini minuta tini minuta". Minn hemm jidher li deher persuna barra l-bieb li rreferew għalih bħala "Matthew" li qalilhom li setgħu issa joħorġu. Minn hemm il-ġurnalisti jinstemgħu jistaqsu lil "Matthew" min kienu dawn in-nies li kien żammewhom ġewwa s-sala.

48. Kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati ma nġiebet ebda prova li kien hemm xi ordni maħruġa minn xi ħadd biex il-ġurnalisti jinżammu ġewwa s-sala. L-anqas ma nġiebet ir-raġuni għaliex inżammew fis-sala. Ħadd ta' tahom spjegazzjoni għal dan. Il-fatt jibqa' li prova ta' tali ordni ma nġabetx, u bħala fatt, il-ġurnalisti nżammew ġewwa s-sala u ma tħallewx joħorġu minn hemm, żgur għal iktar miż-żewġ minuti u nofs minn meta bdiet tirreġistra Facebook Live Monique Agius. Minkejja dan, mill-mod kif ġabu ruħha l-appellati u nies oħra li kienu fuq il-post jidher li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn l-appellati b'kordinazzjoni ma' persuni oħra barra s-sala biex il-bibien ma jinfetħux qabel ma jingħata ċertu sinjal. Minkejja dan, ħadd ma spjega lil ġurnalisti li kienu ġewwa b'din il-miżura jew kif tali miżura kienet sejra tittieħed u kif tali miżura kienet sejra titwettaq u kemm kienet se ddum.

49. Din setgħet kienet miżura ta' sigurtà leġittima fid-dawl tat-tensjoni li kienet tippervadi l-Berġa ta' Kastilja u l-madwar f'dak il-lejl. Iżda jekk din kienet miżura ta' sigurtà, u jekk kienet meħtieġa li tittieħed, tali miżura kellha tittieħed b'mod proporzjonali, skont proċeduri legali, minn nies debitament awtorizzati miż-żamma tal-ordni u s-sigurta skont il-liġi, u b'mod li l-persuni involuti jkunu infurmati mill-protokoll li jkun sejjer jiġi segwit, mill-persuni li jkunu

sejrin ikunu adetti miż-żamma u twettieq tal-miżuri tas-sigurta. F'dan il-każ ma ġarax hekk.

50. F'dan il-każ, fin-nuqqas ta' evidenza sal-grad tal-probabbli li l-appellati kienu debitament qed jaġixxu bis-saħħa ta' ordni skont il-liġi tal-awtorita kompetenti, l-azzjoni tagħhom li jidhru jżommu u jimblokkaw il-bieb li minnu Agius, Caruana Galizia, Xuereb u Bonnici xtaqu joħorġu minnu (bħala l-istess bieb li huma kienu daħlu minnu fl-ewwel lok), ma setgħetx titqies ġustifikata indipendentement mill-fatt li ma kienx stabbilit u pruvat min impartixxa l-ordni biex jingħalaq il-bieb u x'ħin kellhom joħorġu l-ġurnalisti. Min kien responsabbli minn tali ordni, jekk kien hemm tali ordni, kien mistenni li jieħu ħsieb li jwettaqha skont il-liġi u mhux bil-mod kif ġara f'dan il-każ.

51. L-anqas ma jirriżulta li f'dan il-każ l-appellati bħala persuni privati kellhom is-setgħa li jarrestaw lil xi ħadd mill-ġurnalisti. Ħadd mill-ġurnalisti preżenti ma kien għamel delitt ta' natura sesswali jew omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjeta.

52. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet li kien hemm aktar minn bieb wieħed minn fejn persuna tista' toħroġ għalkemm saret enfażi fuq bieb partikolari. Verament li kien hemm żgur tliet bibien. Wieħed minnhom kien dak li ħarġu minnu l-membri tal-Kabinett preżenti. Iżda skont Paul Caruana Galizia dan ma kienx aċċessibbli għalihom in kwantu kien "beyond a row of chairs by a stage". Imbagħad kien hemm iż-żewġt bibien li ssemmew iżjed il-fuq, li però l-aċċess minnhom kien imblukkat bl-preżenza u bl-azzjoni ta' dawk id-disat irġiel li skont Caruana Galizia daħlu hekk kif spiċċat il-konferenza stampa.

53. Iżda f'dan il-każ il-kwistjoni kienet tmur lil hinn. Il-kwistjoni mhix biss marbuta ma kemm il-bieb t'aċċess kien hemm, iżda jekk kienx hemm restrizzjoni tal-liberta tal-moviment, anke jekk għal perjodu qasir, li ma kienetx eżegwita minn persuna bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata.

54. F'dan il-każ din il-Qorti ma tqisx li kien hemm l-estremi tas-sekwestru. Iġifieri kull riferenza li saret għal sekwestru ta' persuna ma ssibx lokha f'dan il-każ. Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana

Galizia marru fis-sala tal-Ambaxxaturi minn jeddhom, mingħajr ħadd ma ġegħlom, mingħajr użu ta' forza jew qerq. Il-problema tagħhom ġiet meta ġew biex jitilqu minn dak il-post wara tmiem il-konferenza stampa. Huma ġew miżmuma f'dak il-post għal ħin relattivament qasir, iżda dan sar fiċ-ċirkostanzi msemmija iżjed il-fuq. Hija din l-inġerenza li fiċ-ċirkustanzi baqgħet inġustifikata fuq il-liberta ta' moviment tagħhom magħmula minn dawk il-persuni, b'dik il-modalita u mingħajr ebda forma ta' informazzjoni mogħtija lilhom qabel, waqt jew wara l-konferenza stampa, li teknikament twassal għal forma t'arrest mhux skont il-liġi.

55. Persuna tista' titqies li tkun ġiet arrestata fuq il-post fejn tkun il-mument li ma titħalliex tiċċaqlaq u teżerċita l-għażla ħielsa tagħha li tmur fid-direzzjoni li trid hi f'każ fejn is-suġġett attiv tar-reat ma jkollux is-setgħa li jwaqqafha skont il-liġi. Id-detenzjoni timplika arrest ta' persuna li jtul għal ċertu ammont ta' ħin. Id-detenzjoni mhix marbuta ma xi post partikolari. Persuna tista' tiġi detenuta fuq il-post mingħajr il-ħtieġa li tiġi meħuda fuq post ieħor. Ma hemmx għalfejn li din id-detenzjoni tkun magħmula bl-użu ta' xi apparat estern jew biż-żamma jew bil-forza, għalkemm biex persuna tiġi miżmuma għal ċertu ammont ta' ħin, l-inċidenza tal-użu ta' apparat estern jassumi wkoll ċertu probabbilita. Iżda r-reat jiġi integrat, kif jgħid ir-Roberti, meta s-suġġett attiv ma jkollux is-setgħa li jarresta lis-suġġett passiv skont il-liġi u fejn bl-azzjoni tiegħu is-suġġett passiv jitwaqqaf mill-liberta tal-moviment tiegħu meta jkun qed jaġixxi jew jimxi; u bid-detenzjoni illegali meta s-suġġett passiv jinżamm kontra r-rieda tiegħu fil-post fejn ikun jinsab. Hekk jirriżulta li seħħ f'dan il-każ mill-appellati, irrispettivament mill-motiv li l-appellati setgħa kellhom meta huma għamlu dawn l-azzjonijiet.

56. Il-motiv, ir-raġuni għaliex is-suġġett attiv ikun żamm lis-suġġett passiv milli jiċċaqlaq jew jaġixxi jew imur fejn u kif ikun irid, jew inkella jżommu fuq il-post, ma għandux jiġi mħallat mal-intenzjoni tiegħu li jżommu milli jagħmel dan. Jekk is-suġġett passiv iħoss li l-liberta psiko-fiżika tiegħu ġiet imxejna bl-azzjoni tas-suġġett passiv, ir-raġuni għaliex is-suġġett attiv ikun wettaq dak l-att ma għandux influwenza fuq ir-responsabbilta tiegħu.

57. Wara kollox jirriżulta wkoll li x-xiehda f'dan il-każ għalkemm kienu jafu li dak il-bieb partikolari kien jagħti għal-barra, huma ma kienux jafu l-bibien l-oħra lil-fejn kienu jagħtu. Fil-fatt anke x-xhud Brian Hensford jixhed f'paġna 143 li bħala prassi normalment il-

ġurnalisti kienu joħorġu minn dak il-bieb li l-ġurnalisti riedu joħorġu minnu.

58. Tant hu hekk li Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana Galizia, l-anqas biss ħassew li setgħu joħorġu mill-bibien l-oħra minħabba f'hekk. L-għan tagħhom kien li joħorġu minn fejn daħlu; u meta ġew biex jagħmlu dan ġew miżmuma mingħajr ma ġew mogħtija raġuni valida mill-appellati għaliex ma setgħux joħorġu fil-mument li huma xtaqu joħorġu minn dik is-sala. Kif intwera fil-filmat miġbud minn Monique Agius, il-bieb l-ieħor li kien fil-ġenb ukoll kien hemm l-għassiesa miegħu biex b'hekk l-anqas minn dak ma deher li setgħa kellhom aċċess. Fi kwalunkwe każ, ma kienux jafu dak il-bieb lil fejn kien jagħti. Iżda l-fatt li ma' dawk iż-żewġt bibien tal-aċċess għal barra kien hemm diversi rġiel posizzjonati quddiemhom jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Brian Hensford.

59. Il-Qorti tal-Maġistrati tgħid ukoll li mill-filmat ħareġ li xi ħadd li ma kienx identifikat fetaħ il-bieb minn barra u għalhekk jidher li l-kontroll tal-bieb ma kienx minn ġewwa. Frankament mhux possibbli minn dawk il-ftit sekondi miġbuda fil-filmat li tgħid jekk il-bieb kienx miftuħ minn ġewwa jew minn barra. Żgur hu li l-bieb kien jinfetaħ il-ġewwa. Żgur hu wkoll li f'0042 u 0043 tal-filmat ta' Monique Agius jidher xi ħadd li kien fis-sala ħareġ il-barra minnu, bin-nies li kienu mad-dawra jħarsu lejn id-direzzjoni minn fejn kienet ġejja din il-persuna u ħarsithom iddur lejn dak il-bieb tal-ġenb li minnu tħalliet toħroġ il-barra. Iżda hekk kif dik il-persuna ħarġet barra minn dak il-bieb, żewġt irġiel mhux identifikati posizzjonaw ruħhom quddiem dak il-bieb. Il-kwistjoni tibqa' x'kienet eżattament ir-raġuni għaliex dawk l-irġiel qagħdu għassa ma dak il-bieb bħal ma qagħdu għassa l-appellati mal-bieb l-ieħor. Jingħad li qagħdu għassa in kwantu ħadd mill-appellati ma ħalla lill-erba' xhieda f'dan il-każ joħorġu minnu, minkejja anke t-tentattiv imqanqal li għamel Paul Caruana Galizia biex joħroġ minn hemm. Iżda skont Monique Agius, dik il-persuna li ħarġet – jew ħallewha toħroġ - mill-bieb tal-ġenb kien il-Communications Co-ordinator tal-Gvern; iżda lilhom ma ħallewhomx joħorġu.

60. Il-fatt li ġewwa s-sala kien hemm persuni oħra eqreb lejn il-bieb, kif jidher mill-filmati u r-ritratti eżebiti, huwa inkonsegwenzjali. Dawk il-persuni l-oħra baqgħu mhux identifikati, daqs kemm baqa' misteru x'kien l-involviment tagħhom f'dan il-każ jew il-qagħda tagħhom f'dik il-posizzjoni ma dak il-bieb. Huwa interessanti wkoll li l-ikbar numru ta' rġiel inġemgħu quddiem il-bieb li minnu l-ġurnalisti

kienu daħlu, li minnu Caruana Galizia u sħabu riedu joħorġu u li minnu, eventwalment, meta wieħed mill-appellati deherlu, wara li vverifika ma xi ħadd li kien barra l-bieb, tħallew joħorġu.

61. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tiġġustifika l-konklużjoni liberatorja tagħha wkoll għaliex wieħed mill-imputati jidher b'id waħda fil-but u l-oħra fuq il-pumm tal-bieb, ma kien qiegħed juża l-ebda forza biex iżomm il-bieb magħluq. Ieħor jidher f'kuntatt ma Paul Caruana Galizia iżda ma jidher li għamel ebda manuvra biex iżomm il-bieb magħluq.

62. Għalkemm Caruana Galizia jirreferi għall-fatt li l-bieb kien "locked", Matthew Carbone fix-xiehda tiegħu f'paġna 131 jgħid li m'hemmx dubju li l-bieb ma kienx imsakkar b'ċavetta u li l-bibien kienu jissakkru meta Kastilja tintefa'. Din l-istqarrija ta' Matthew Carbone allura tikkontradiċi dak li stqarr l-appellat McKay fl-istqarrija tiegħu meta qal li l-bibien kienu msakkrin minn barra; u fejn l-appellati l-oħra donnhom ma kienux jafu jekk il-bieb kienx magħluq minn barra. Kien x'kien, persuna tista' tinżamm milli toħroġ minn ambjent partikolari anke jekk il-bieb jew il-bibien li jagħtu aċċess ma jkunux imsakrin b'mod mekkaniku. L-aċċess liberu għall-dak il-ħruġ minn dak l-ambjent jista' jiġi mblokkat b'mezzi diversi, inkluż billi persuna timblokka dak l-aċċess, anke mingħajr ma teżerċita vjolenza jew forza fuq il-bieb jew fuq il-persuna miżmuma kontra r-rieda tagħha.

63. Iżda l-fatt li wieħed mill-appellati jidher li kien qiegħed b'idu fuq il-pumm tal-bieb jindika li kien qiegħed jeżerċita element ta' kontroll fuq wieħed mill-mekkaniżmi tal-ftugħ u l-għeluq ta' dak il-bieb. L-appellat l-ieħor intefa' b'daharu mal-parti l-oħra tal-bieb. Peress li l-bieb jinfetaħ minn barra għal ġewwa, l-appellat li kellu idu fuq il-pumm setgħa jħoss il-pressjoni tal-bieb minn barra biex il-mument li jkun hemm xi ħadd barra jrid jidħol jew jiftaħ il-bieb huwa setgħa jirrispondi billi jċedi l-pumm u l-min irid jidħol ikun jista' jagħmel dan faċilment. Fil-fatt hekk jirriżulta li ġara meta l-appellat l-ieħor li kellu jdejh imsalbin fuq sidru ried jivverifika s-sitwazzjoni biex jara kienx wasal il-waqt li l-bibien jinfetħu biex dawk li kienu ġewwa setgħu joħorġu.

64. Il-kontroll tal-bibien kien wieħed relattivament kalm, mingħajr użu ta' forza jew vjolenza. Miguela Angela Xuereb tgħid li t-tliet appellati żammewhom milli joħorġu mill-bieb li kienu daħlu minnu billi wara li qalulhom jew talbuhom biex joħorġu dawn it-tliet appellati

ma rrispondewx u l-anqas tawhom raġuni għaliex kienu żammewhom ġewwa. Julian Bonnici wkoll jixhed a fol 57 li t-tliet appellati kienu qagħdu quddiem il-bieb li kienu daħlu minnu u li ma ħallewhomx joħorġu minnu. Huwa jgħid li la ġie mhedded u l-anqas ġiet użata forza fuqu. Iżda ma ħassux trankwill tant li bagħat messaġġ lill-editur tiegħu jinfurmah li kellhom problema hemm ġew għax ma kienux qegħdin iħalluhom joħorġu mis-sala tal-Ambaxxaturi.

65. Dan il-fatt jidher li qajjem frustrazzjoni u biża f'dawn l-erba' xhieda. Uħud bdew ukoll jaġitaw ruħhom, kif jidher mill-filmat. Iżda minkejja l-kliem ħażin u l-attitudni evidentement irrabjata ta' xi wħud mill-erba' xhieda, l-appellati baqgħu kalmi u ma rritaljawx bi kliem jew għemil ieħor simili. Baqgħu hemm siekta quddiem il-bieb. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li l-azzjoni tagħhom li jimblokkaw dak il-bieb ma kienetx teknikament illegali.

66. Anke l-fatt li lil ġurnalisti ma ttieħdilhom ebda apparat jew li setgħu jibqgħu jirrapurtaw dak li kien għaddej ma jxejjinx il-fatt li teknikament kienu taħt arrest u detenzjoni li ma kinetx magħmula skont il-Liġi.

67. Il-Qorti tal-Maġistrati żżid tgħid ukoll li x'ħin infetah il-bieb jidher ħiereġ kulħadd inkluż il-persuni imputati, fejn jidher li żviluppat sitwazzjoni *free for all* li fl-ebda binja, jekk hix tal-gvern jew tal-privat ma wieħed jistenna li jsir hekk. Meta persuna tmur f'post, hix bħala mistiedna jew biex twettaq xi ħidma ma tippretendix li tieħu over il-binja.

68. Dwar dan il-punt, bħala fatt, il-Qorti tal-Maġistrati għandha raġun. Is-sitwazzjoni fil-binja – u anke barra minnha – kienet waħda kaotika Dan jirriżulta mhux biss mill-filmati eżebiti iżda wkoll mix-xiehda tal-erba xhieda Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana Galizia. Dan tal-aħħar jiddeskriviha bħala *lawless.* Dan tal-aħħar iżid jgħid ukoll li ma kienx qabel ma wasal fuq il-post, u minn barra l-bieb deher Matthew Carbone li qal, lil dawk li kienu quddiem il-bieb – fosthom lit-tliet appellati *let them out, let them out*, jgħid Caruana Galizia.

69. Iżda fejn din il-Qorti ma taqbilx huwa dwar kif u min deher li tilef il-kontroll. Kif sewwa tgħid il-Qorti tal-Maġistrati Monique Agius, Miguela Angela Xuereb, Julian Bonnici u Paul Caruana Galizia ma marrux fil-Berġa ta' Kastilja u fis-sala tal-Ambaxxaturi għall-

konferenza stampa kontra l-volonta tagħhom. Anzi, bħall-ġurnalisti l-oħra kollha li daħlu u dawk li tħallew barra minħabba li ma kellhomx *press card* fuqhom, kellhom seba' mitt sena sakemm jidħlu għal dik il-konferenza stampa. Kellhom ukoll xewqa kbira li jisimgħu dak li l-Prim'Ministru kellu xi jgħid u kienu iżjed ħerqana li jistaqsuh il-mistoqsijiet tagħhom.

70. Veru wkoll li fil-Berġa ta' Kastilja kellhom iġibu ruħhom sew u b'mod ċivili. Kellhom jimxu mal-protokolli li jkun hemm f'sitwazzjonijiet ta' konferenzi stampa simili. Iżda l-problema hi li f'dan il-każ, min kellu l-oneru li jżomm il-kontroll **skont il-liġi** tkaxkar mill-pathos tal-mument u s-sitwazzjoni ħarbitlu minn idejh. F'dan il-każ ġie pruvat soddisfaċentement li ebda protokoll partikolari ma ġie spjegat lil ġurnalisti preżenti u wisq anqas ma dawn ġew infurmati kif il-ħruġ tagħhom mis-sala tal-Ambaxxaturi kellu jsir. Monique Agius tisħaq li għalkemm fi press conferences oħra ġieli stennew ftit sakemm jieħdu l-kummenti tal-ministri (mhux wara), u ġeneralment ikun hemm xi persuna li tinfurmahom xi jkun sejjer jiġri. Dakinhar ma ġara xejn minn dan.

71. Agius, tgħid ukoll li solitament ikun hemm il-Communications Co-ordinator, (imma dan ħareġ mill-bieb tal-ġenb u ma qalilhom xejn). Tgħid li l-anqas kien hemm "Cabone, la kien hemm Ramona, la kien hemm Nigel u l-anqas kien hemm Kurt, ħadd minnhom ma kien hemm; just qatta nies ma nafux min huma".

72. Paul Caruana Galizia jgħid li:

> So at a point I walked through the door, so fed up that they were not letting us out, more because they were not even answering who they were and why they were locking us in, you know, they could have said who they were and why they were doing it – no answers. So I reached for the door handle which Jody Pisani was holding, and he pushed me off... and said "back off".

73. Ħadd ma spjegalhom xejn dwar jekk setgħux iżommuhom ġewwa s-sala. Iżda tgħid ukoll li s-soltu ma jżommuhomx ġewwa. Agius iżżid tgħid li żammewhom ġewwa kontra r-rieda tagħhom; u dawk in-nies li kien hemm mal-bieb ma kellhomx uniformi jew xi karta tal-identifikazzjoni. L-anqas ma qalulhom min huma u x'kienu qed jagħmlu hemm jew x'setgħa kellhom biex iżommuhom milli joħorġu barra mis-sala. Anke Caruana Galizia jixhed li meta tfaċċa Matthew Carbone, u dan ġie mistoqsi min kienu dawk in-nies li mblokkaw il-bibien u żammewhom ġewwa stqarr li "ma nafx min huma".

74. Jibqa' l-fatt li l-appellati sabu ruħhom fuq il-post jeżegwixxu mansjoni ta' blokkaturi momentanji tal-aċċess għall-barra mis-sala tal-Ambaxxaturi għat-taraġ prinċipali ta' Kastilja li jagħti għal isfel u barra t-triq. Kif intqal l-imġieba tal-appellati kienet turi li kienu parti minn xi arranġament mhux magħruf ma terzi persuni biex l-aċċess mis-sala l-barra jiġi kontrollat għal xi ħin. Mhux magħruf x'kien dan l-arranġament, min kienu dawk kollha li pparteċipaw fih u min ħareġ bl-ordnijiet. Iżda l-fatt jibqa' li Agius, Xuereb, Bonnici u Caruana Galizia ħassewhom miżmuma f'dik is-sala mill-appellati kontra r-rieda tagħhom.

75. Għalkemm l-appellati donnhom iridu jgħidu li anke huma riedu joħorġu barra mis-sala, mill-banda l-oħra Caruana Galizia jgħid li dawn kienu daħlu wara li l-konferenza stampa kienet spiċċat u l-Prim Ministru u l-membri tal-Kabinett preżenti kienu qegħdin joħorġu mis-sala. Caruana Galizia jgħid li daħlu xi disa' minn nies. It-tliet appellati, fosthom, jirriżulta però li għażlu li jibqgħu wara l-bieb jimblokkawh b'intiża ma min kien hemm wara l-bieb li wkoll setgħa kien qed jikkontrolla l-aċċess minn barra. Dan jirriżulta meta wieħed mill-appellati, wara li nfetah il-bieb qallhom tuni minuta, tuni minuta – biex jivverifika jekk setgħux iħallu lil ġurnalisti joħorġu. Kien fil-fatt f'dak il-ħin li Caruana Galizia jixhed li sema' lil Matthew Carbone jgħid li setgħu iħalluhom joħorġu mis-sala. U anke dan il-fatt waħdu li dak l-appellat qallhom ituh minuta biex iħares barra jindika mhux biss li l-appellati kienu qegħdin jistennew xi sinjal biex iħallu lil ġurnalisti joħorġu barra mis-sala iżda wkoll li kien hemm xi reġija wara dik id-deċiżjoni u l-azzjoni li kellha twassal biex l-appellati jżulu minn nofs, jagħmlu l-wisa' u jħallu lil ġurnalisti joħorġu barra mis-sala. Imma anke l-fatt li Matthew Carbone jgħid li setgħu iħalluhom joħorġu wkoll juri li fil-fatt iż-żamma tal-ġurnalisti fis-sala tal-Ambaxxaturi ma kienetx xi deċiżjoni meħuda spontanjament minn dawk l-irġiel li qagħdu wara l-bibien, iżda li kienet deċiżjoni maħsuba minn qabel.

76. Iż-żamma ta' Paul Caruana Galizia milli jitħalla jaqbad il-pumm tal-bieb biex jiftaħ u joħroġ li saret minn wieħed mill-appellati turi b'mod ċar li Caruana Galizia ma tħalliex joħroġ minn dik is-sala meta ried. U din iż-żamma ma saretx minn xi ħadd minn barra s-sala iżda minn ġewwa s-sala. U ġewwa s-sala, waqt li Caruana Galizia kien qiegħed jiġi miżmum milli jiftaħ il-bieb, l-appellati l-oħra xorta waħda baqgħu statwarji fejn kienu quddiem il-bieb. Li kieku verament riedu joħorġu minn hemm meta riedu, setgħu faċilment ħallew lil Caruana Galizia jiftaħ il-bieb u joħorġu miegħu. Wara

kollox Matthew Carbone stess ikkonferma li dak il-bieb ma kienx imsakkar bi ċwievet. Dan allura jfisser ukoll li mhux minnu li l-appellati riedu joħorġu mis-sala iżda ma setgħux għax il-bieb kien imsakkar. Jekk xejn ma ħarġux mis-sala għax ma kienx għadu ingħata s-sinjal li jistgħu joħorġu minn dik is-sala minn xi ħadd li kien fuq barra.

77. Ir-raġuni għaliex il-ġurnalisti inżammu fis-sala, għal ħin mhux twil, iżda biżżejjed biex wassal għal frustrazzjoni, tensjoni, tħassib jekk mhux ukoll biża f'uħud mill-ġurnalisti preżenti, baqgħet mhux ċara. L-ipoteżi l-iżjed probabbli proposta mid-Difiża fil-linja ta' mistoqsijiet u argumenti li ġabet kienet minħabba sigurtà meħtieġa li tittieħed f'dak il-lejl imqalleb. Fil-fatt it-tliet imputati għandhom xi forma ta' background fil-qasam tas-sigurta Emanuel McKAY kien Chief Security l-ARMS għalkemm qabel kien jaħdem bħala messaġġier ma' l-Ministru, Jody PISANI kien driver ma Ministru u Mark GAUCI kien Security Officer fil-Freeport.

78. Verament li ż-żamma tal-ġurnalisti f'dik is-sala għal xi ħin qasir għal skopijiet ta' sigurtà setgħet tkun waħda raġunata u tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi. Wara kollox kien hemm tensjoni enormi taqtagħha b'sikkina. Għalkemm ma hemmx provi li juru li xi ħadd mill-ġurnalisti preżenti f'dik is-sala qabel dan l-inċident ġab ruħu ħażin jew setgħa kien ta' xi perikolu għalih jew għal ħaddieħor, xorta waħda deċiżjoni minn xi ħadd responsabbli mis-sigurta fil-Berġa ta' Kastilja li jikkontrolla d-dħul u ħruġ mis-sala tal-Ambaxxaturi f'dak il-kuntest kienet tagħmel ħafna sens. Iżda jekk kellu jsir hekk, min kien responsabbli kellu jara li dik il-miżura, kellha tkun proporzjonata, spjegata tajjeb u mwetqa skont il-liġi, minn nies adetti skont il-liġi u fi twettieq ta' proċedura li wkoll tkun skont il-liġi.

79. Dan ma ġarax f'dan il-każ u għalhekk l-Avukat Ġenerali għandha raġun li tappella mis-sentenza liberatorja tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għax kif spjegat fl-appell tagħha, u kif muri iżjed il-fuq, teknikament ir-reat li bih l-appellati ġew mixlija, ġie kommess minnhom. Huwa għalhekk li l-appell tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

**Ikkunsidrat**

80. Illi għalkemm kwantu għal dak li għandu x'jaqsam l-aspett sostantivi tad-delitt li tiegħu sejrin jiġu misjuba ħatja l-appellati din il-Qorti straħet fuq it-tifsira ta' dak id-delitt fuq sorsi ġejjin meħuda mid-Dritt Taljan, f'dak li jirrigwarda l-piena applikabbli f'dan il-każ, in kwantu dan huwa aspett ta' natura proċedurali, din il-Qorti ħadet kont tas-*sentencing guidlines* applikabbli għall-Ingilterra u Wales.

81. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi aspetti li jsawru dan il-każ. Qieset li għalkemm l-appellati kienu dawk li fiżikament wettqu l-fatt kostitwenti r-reat, ma ġiex pruvat li kellhom ukoll rwol determinanti fil-proċess tad-deċiżjoni li waslithom jagħmlu dak l-att. Jirriżulta li dan kien att ta' darba mwettaq mill-appellati versu l-ġurnalisti li xehdu u kien att imwettaq fi sfond li kien jinvolvi diversi nies, u ma kienx att ta' persuna waħda kontra oħra. Ma kienx hemm evidenza ta' xi pressjoni jew influenza jew abbuż ta' posizzjoni ta fiduċja jew responsabilita minn naħa tal-appellati. Jekk xejn assumew rwol li ma kienx jikkompeti lilhom. Ma jirriżultax li dan ir-reat twettaq b'xi mod sofistikat jew li kien jeħtieġ xi pjanar jew pjanifikar partikolari. Jidher però li kien hemm xi pjan wara t-twettieq tal-att li kien kordinat minn ħaddieħor li baqa' injot. Kienet kwistjoni ta' ftit minuti, li però baqgħet mingħajr spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni. F'dan il-każ in-numru tal-"vitmi" kien wieħed kbir, iżda ma kienx hemm atti frawdolenti jew ta' vjolenza jew ta' użu ta' forza mill-appellati fil-konfront tal-ġurnalisti; u l-anqas jirriżulta li l-att tagħhom ta' arrest u detenzjoni illegali damet ħafna ħin.

82. Ma jirriżultax li l-azzjoni tal-appellati kienet intiża li tattakka lil ġurnalisti in kwantu kienu ġurnalisti; iżda jibqa' l-fatt ukoll li f'dik is-sitwazzjoni, il-ġurnalisti sabu ruħhom f'posizzjoni ta' vulnerabilità fis-sens li huma kienu jinsabu f'binja pubblika li suppost kienet binja kontrollata u li ma kienux familjari magħha. Ma jirriżultax li l-azzjoni tal-appellati kienet waħda ta' esplojtazzjoni jew b'kattiverja, iżda għal ċertu ħin setgħet inftehmet bħala waħda li intimidat lil xi ħadd mill-vitmi. Ma jirriżultax li l-azzjoni tal-appellati kienet motivata minn xi gwadann finanzjarju jew personali li kien fid-deher fl-atti, għalkemm jirriżulta li l-appellati kienu nies fil-qrib ħafna ta' xi Ministri. Jidher li dan it-tip ta' reat seħħ mill-appellati bħala *one off offence*. Ir-reat allura twettaq fi grupp ta' nies . Għalkemm ħadd mill-appellati ma forna l-identita tiegħu ħadd minnhom ma uża identità falza. Filwaqt li l-appellati ikkontestaw l-imputazzjoni miġjuba kontrihom, huma kkollaboraw mal-Pulizija u rrilaxxaw stqarrijiet separati.

83. Meta l-Qorti ħadet kont ta’ dawn il-kriterji kollha tqis li f’dan il-każ mhux lok li tiġi imposta piena karċerarja.

84. L-anqas ma hemm lok għal xi miżura oħra ta’ salvagwardja fil-konfront tal-vitmi stante li ma jirriżultax li l-appellati aġixxew b’xi vjolenza fiżika jew verbali jew bl-użu ta’ xi forza versu l-ġurnalisti. L-appellati aġixxew bħala parti minn azzjoni kordinata bl-għan tagħha jkun forma ta miżura ta’ sigurtà; iżda bil-mod kif saret u li rriżultaw mill-provi li ġew prodotti fil-Qorti tal-Maġistrati, waslet biex teknikament l-appellati kisru dik il-Liġi li biha ġew mixlija.

# DECIDE

**Għaldaqstant, din il-Qorti qegħda tilqa’ l-appell tal-Avukat Ġenerali, tħassar is-sentenza appellata, u wara li rat l-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-appellati PISANI, GAUCI u McKAY ħatja tar-reat miġjub kontra tagħhom.**

**Kwantu għall-piena, fil-kuntest partikolari ta’ dan il-każ, peress li tqis li jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta il-Qorti tillibera lil ħatja bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.**

**Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħatja bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem ser li jekk huma jagħmlu reat ieħor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistgħu jingħatu sentenza għar-reat oriġinali.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**